# IR-RUSSJA

Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja ilhom fi kriżi mill-2014, minħabba l-annessjoni illegali tal-Krimea mir-Russja, l-appoġġ tar-Russja lil gruppi tar-ribelli fil-Lvant tal-Ukrajna, il-politika tagħha tal-viċinat, il-kampanji ta' diżinformazzjoni u l-iżviluppi interni negattivi fir-Russja. It-tensjonijiet kibru minħabba l-intervent Russu fis-Sirja. Mill-2014 lil hawn l-UE regolarment ġeddet is-sanzjonijiet kontra r-Russja. L-UE u r-Russja xorta waħda baqgħu interdipendenti ħafna u l-UE tapplika approċċ ta' "impenn selettiv".

## IL-BAŻI ĠURIDIKA

— It-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE): "azzjoni esterna";

— L-Artikoli 206-207 (kummerċ) u l-Artikoli 216-219 (ftehimiet internazzjonali) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE);

— Il-Ftehimiet ta' Sħubija u Kooperazzjoni - FSK (relazzjonijiet bilaterali).

## IR-RELAZZJONIJIET BEJN L-UE U R-RUSSJA

Sa ma faqqgħet il-kriżi tal-Ukrajna, l-UE u r-Russja kienu qed jibnu sħubija strateġika li kienet tkopri kwistjonijiet f'oqsma bħall-kummerċ, l-ekonomija, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, ir-riċerka, l-edukazzjoni, il-kultura u kwistjonijiet ta' sigurtà, inkluża l-ġlieda kontra t-terroriżmu, in-nonproliferazzjoni nukleari u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti fil-Lvant Nofsani. L-UE appoġġat bis-sħiħ l-adeżjoni tar-Russja fl-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), li tlestiet fl-2012. F'dawn l-aħħar snin, il-kwistjoni tal-viċinat komuni saret punt ewlieni ta' kunflitt bejn l-UE u r-Russja. L-annessjoni illegali tal-Krimea mir-Russja f'Marzu 2014 u l-evidenza li r-Russja appoġġat lill-ġellieda ribelli fil-Lvant tal-Ukrajna kkawżaw kriżi internazzjonali. L-UE eżaminat mill-ġdid ir-relazzjoni bilaterali tagħha mar-Russja, waqqfet is-summits bilaterali regolari magħha, u ssospendiet id-djalogu dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-viżi u t-taħditiet dwar ftehim bilaterali ġdid biex jieħu post il-FSK. Bħalissa l-UE qed issegwi approċċ fuq żewġ binarji fil-konfront tar-Russja, li jikkombina sanzjonijiet gradwali ma' tentattivi biex jinstabu soluzzjonijiet diplomatiċi għall-kunflitt fil-Lvant tal-Ukrajna. Il-parteċipazzjoni tar-Russja fl-isforzi tal-grupp ta' pajjiżi E3+3, li laħqu ftehim dwar l-enerġija nukleari mal-Iran f'Lulju 2015, żiedet it-tama ta' kooperazzjoni akbar fuq livell globali. Madankollu, l-intervent f'daqqa tar-Russja fil-Gwerra tas-Sirja minn Settembru 2015, b'appoġġ għall-President Assad, u l-kampanja qawwija ta' diżinformazzjoni fir-Russja u barra minnha, ikkawżaw aktar tensjonijiet mal-Punent.

L-elezzjoni presidenzjali tal-2018 tat lil Vladimir Putin ir-raba' mandat tiegħu bħala President, b'76.69% tal-voti. Bħal f'okkażjonijiet preċedenti, il-Parlament Ewropew ma ġiex mistieden jibgħat missjoni ta' osservazzjoni elettorali. Il-leġiżlazzjoni Russa, adottata mill-2012 'il quddiem, kellha fil-mira tagħha l-oppożizzjoni u s-soċjetà ċivili. Mijiet ta' NGOs ġew ittimbrati bħala "aġenti barranin" u/jew "organizzazzjonijiet mhux mixtieqa", u l-awtoritajiet issikkaw il-kontroll fuq l-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni u tal-internet. L-UE tinsab imħassba dwar l-istat tad-dritt — inkluż dwar il-korruzzjoni. Fl-2017 u l-2018, seħħew dimostrazzjonijiet kbar madwar ir-Russja kollha, istigati mill-politiku tal-oppożizzjoni Alexey Navalny u dawn intlaqgħu b'risposta iebsa mill-awtoritajiet. Il-Kummissjoni Elettorali Ċentrali u l-Qorti Suprema pprojbixxew lil Navalny milli jkun kandidat minħabba kundanna preċedenti kkontestata. L-elezzjoni parlamentari f'Settembru 2016 kienet diġà affermat il-predominanza tal-presidenza ta' Putin u rebħa kbira għall-partit tiegħu Russja Magħquda.

Fl-2017, l-ekonomija Russa rkuprat mir-reċessjoni u t-turbolenzi fis-settur bankarju tal-2014-2016, u bbenefikat minn żieda fid-dħul mill-esportazzjoni taż-żejt u tal-prodotti bażiċi. Il-prospetti huma favorevoli, iżda l-klima tal-investiment fil-pajjiż hija inċerta, u l-prestazzjoni ekonomika tiegħu għadha dipendenti fuq il-prezzijiet taż-żejt u tal-gass. Is-sistema ekonomika hija kkonċentrata fuq ftit setturi; għandha nuqqas ta' investimenti trasformattivi, filwaqt li kumpaniji kbar li huma qrib tal-istat jiddominaw is-suq. Minkejja l-politiki ta' sanzjonijiet, l-UE għadha l-ewwel sieħba kummerċjali tar-Russja, u r-Russja hija r-raba' sieħba kummerċjali tal-UE. Madankollu, ir-relazzjonijiet kummerċjali u ekonomiċi huma mfixkla minn bosta ostakli, bħall-embargo tar-Russja fuq bosta prodotti agroalimentari tal-UE, it-tilwimiet mad-WTO u l-limitazzjonijiet serji li jsofru l-kumpaniji tal-UE biex jipparteċipaw fis-suq tal-akkwist pubbliku Russu.

Minn Marzu 2014 'l hawn, l-UE imponiet progressivament miżuri restrittivi kontra r-Russja b'rispons għall-annessjoni illegali tal-Krimea u d-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna. L-UE estendiet is-sanzjonijiet b'mod sinifikanti wara t-twaqqigħ tat-titjira MH17 fis-17 ta' Ġunju 2015 fuq territorju kkontrollat mir-ribelli appoġġati mir-Russja fil-Lvant tal-Ukrajna. Is-sanzjonijiet jiġu aġġornati u estiżi regolarment.

Il-miżuri restrittivi tal-UE għandhom forom differenti. Il-miżuri diplomatiċi jikkonsistu fl-esklużjoni tar-Russja mill-G8, it-twaqqif tal-proċess ta' adeżjoni tar-Russja mal-OECD u mal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija kif ukoll is-sospensjoni tas-summits bilaterali regolari bejn l-UE u r-Russja.

Is-sanzjonijiet ekonomiċi huma mmirati lejn l-iskambji mar-Russja f'setturi ekonomiċi speċifiċi. Dawn jillimitaw l-aċċess għas-swieq tal-kapital primarji u sekondarji tal-UE għal ċerti banek u kumpaniji Russi. Jimponu projbizzjoni tal-esportazzjoni u tal-importazzjoni fir-rigward tal-kummerċ fl-armi u projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju għall-użu militari jew għal utenti finali militari fir-Russja. Inaqqsu wkoll l-aċċess tar-Russja għal ċerti teknoloġiji u servizzi sensittivi li jistgħu jintużaw għall-produzzjoni u l-esplorazzjoni taż-żejt. Japplikaw ukoll xi restrizzjonijiet speċifiċi fuq ir-relazzjonijiet ekonomiċi mal-Krimea u Sevastopol, inklużi projbizzjoni fuq l-importazzjoni ta' prodotti mill-peniżola, projbizzjoni fuq l-esportazzjoni ta' ċerti prodotti u teknoloġiji, restrizzjonijiet fuq l-investiment u projbizzjoni fuq il-forniment ta' servizzi turistiċi. Il-miżuri dwar il-kooperazzjoni ekonomika jinkludu sospensjoni ta'

operazzjonijiet ġodda ta' finanzjament fir-Russja mill-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) u mill-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ).

Miżuri restrittivi individwali japplikaw għal 150 persuna u 40 entità tal-UE li huma suġġetti għall-iffriżar tal-assi u projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar, minħabba li l-azzjonijiet tagħhom jimminaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Il-lista tinkludi l-ispeakers taż-żewġ kmamar tal-Assemblea Federali Russa (id-Duma tal-Istat u l-Kunsill tal-Federazzjoni), kif ukoll il-President fil-kariga tad-Delegazzjoni Russa għall-Kumitat Parlamentari ta' Kooperazzjoni UE-Russja.

F'Marzu 2016 il-Kunsill tal-Affarijiet Barranin tal-UE ddeskriva ħames prinċipji ta' gwida li fuqhom huma bbażati r-relazzjonijiet tal-UE mar-Russja: (1) l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' Minsk bħala l-kundizzjoni ewlenija għal kwalunkwe tibdil sostanzjali tal-pożizzjoni tal-UE fil-konfront tar-Russja; (2) it-tisħiħ tar-relazzjonijiet mas-Sħab tal-Lvant tal-UE u ma' pajjiżi ġirien oħra, inkluż fl-Asja Ċentrali; (3) it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-UE (eż., is-sigurtà tal-enerġija, it-theddidiet ibridi jew il-komunikazzjoni strateġika); (4) impenn selettiv mar-Russja dwar kwistjonijiet ta' interess għall-UE; (5) il-ħtieġa tal-involviment f'kuntatti bejn il-persuni u l-għoti ta' appoġġ lis-soċjetà ċivili Russa. L-ewwel prinċipju impliċitament jgħaqqad it-tul taż-żmien ta' ċerti sanzjonijiet tal-UE mal-progress li seħħ lejn ir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt fil-Lvant tal-Ukrajna.

Ir-Russja ilha minn Awwissu 2014 tirritalja kontra s-sanzjonijiet imposti mill-UE u minn pajjiżi tal-punent (inklużi l-Istati Uniti, il-Kanada u l-Awstralja), u imponiet kontro sanzjonijiet fuq prodotti agrikoli, materja prima u ikel, filwaqt li allegat li kien hemm ksur tal-istandards tas-sikurezza tal-ikel. Dan saħħaħ il-politika ta' sostituzzjoni tal-importazzjoni tar-Russja fis-settur agrikolu. Ir-Russja tapplika wkoll lista ta' esklużjoni ("stop list") ta' ċittadini tal-UE u tal-Istati Uniti li esprimew kritika għall-azzjonijiet tagħha, u ċaħditilhom id-dritt li jidħlu fit-territorju Russu (inklużi 18-il MEP). M'hemm l-ebda triq possibbli għal rikors ġudizzjarju jekk persuna titqiegħed fuq il-lista Russa, għall-kuntrarju tal-projbizzjoni fuq l-ivvjaġġar tal-UE.

## IL-FTEHIMIET FIS-SEĦĦ

Il-bażi ġuridika għar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja hija l-FSK iffirmat f'Ġunju 1994. Dan inizjalment kien validu għal 10 snin, u minn dakinhar ġie mġedded awtomatikament kull sena. Dan jistipula l-objettivi prinċipali komuni, jistabbilixxi l-qafas istituzzjonali għal kuntatti bilaterali (inklużi konsultazzjonijiet regolari dwar id-drittijiet tal-bniedem u summits presidenzjali li jsiru darbtejn f'sena, li bħalissa qegħdin fi stat ta' paraliżi).

Fis-summit ta' San Pietruburgu f'Mejju 2003, l-UE u r-Russja saħħew mill-ġdid il-kooperazzjoni tagħhom billi ħolqu erba' "Spazji Komuni": l-ispazju ekonomiku; l-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja; l-ispazju tas-sigurtà esterna; u l-ispazju għar-riċerka, l-edukazzjoni u l-kultura. Fil-livell reġjonali, l-UE u r-Russja flimkien man-Norveġja u l-Iżlanda, fl-2007 waqqfu l-politika l-ġdida tad-Dimensjoni tat-Tramuntana, li tiffoka fuq il-kooperazzjoni transfruntiera fir-reġjuni tal-Baltiku u ta' Barents. F'Lulju 2008, bdew negozjati għal ftehim ġdid bejn l-UE u r-Russja li għandu jinkludi "impenji li jorbtu legalment" f'oqsma bħad-djalogu politiku, il-ġustizzja, il-libertà, is-sigurtà, il-kooperazzjoni ekonomika, ir-riċerka, l-edukazzjoni, il-kultura, il-kummerċ, l-investiment u l-enerġija. Fl-2010 tnediet "Sħubija għall-Modernizzazzjoni". In-negozjati dwar ftehim

għall-faċilitazzjoni tal-viża ġew konklużi fl-2011. Madankollu, l-intervent tar-Russja fil-Krimea wassal għas-sospensjoni ta' dawn it-taħditiet u l-proċessi kollha. Fl-2014, il-Kunsill Ewropew iffriża l-kooperazzjoni mar-Russja (ħlief dwar il-kooperazzjoni transfruntiera u l-kuntatti bejn il-persuni), kif ukoll il-finanzjament il-ġdid tal-UE għall-benefiċċju tal-pajjiż permezz tal-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

It-Trattat ta' Lisbona jgħid li l-Parlament irid "jagħti l-kunsens" għal kull ftehim ġdid, kif kien għamel bil-FSK preċedenti. Ftehimiet aktar speċifiċi (bħall-faċilitazzjoni tal-viżi) jeħtieġu wkoll il-kunsens tal-Parlament. Il-Parlament ma jagħtix definizzjoni diretta tal-ħtiġijiet strateġiċi jew tal-programmi ta' azzjoni, iżda jilleġiżla b'mod konġunt flimkien mal-Kunsill dwar l-objettivi u l-prijoritajiet tal-għajnuna finanzjarja tal-UE, inkluż l-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) li permezz tiegħu hija ffinanzjata l-kooperazzjoni reġjonali tal-UE mar-Russja. Barra minn hekk, il-Parlament għandu d-dritt li jwettaq skrutinju tad-dokumenti li jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-ENI qabel ma jiġu adottati, proċedura magħrufa bħala "skrutinju demokratiku".

Il-Parlament adotta sensiela ta' riżoluzzjonijiet dwar l-Ukrajna li jikkundannaw l-annessjoni illegali tal-Krimea mir-Russja u r-rwol tar-Russja fid-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna. Il-Parlament adotta riżoluzzjoni dwar l-istat tar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja f'Ġunju 2015, li fiha appoġġa s-sanzjonijiet tal-UE u enfasizza l-ħtieġa li tingħata assistenza finanzjarja tal-UE aktar ambizzjuża lis-soċjetà ċivili Russa, u li jiġu promossi l-kuntatti bejn il-persuni, minkejja r-relazzjonijiet diffiċli. Riżoluzzjonijiet oħrajn aktar tard laqgħu l-isforzi deskritti mill-Kummissjoni għal Unjoni tal-Enerġija biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija mir-Russja u l-miżuri tal-UE biex tiġġieled il-propaganda aggressiva mir-Russja u minn partijiet terzi oħrajn. Madankollu, il-Parlament appella għal kooperazzjoni mar-Russja dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-Proċess ta' Paċi fil-Lvant Nofsani, iżda esprima kritika għall-intervent tar-Russja fis-Sirja.

Qabel l-2014, il-Parlament kien favur ftehim komprensiv ġdid mar-Russja bbażat fuq valuri u interessi komuni. Madankollu, f'diversi rapporti fuq inizjattiva proprja, il-Parlament esprima tħassib qawwi dwar ir-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt u l-istat tad-demokrazija fir-Russja. Il-liġijiet kontra il-"propaganda" tal-LGTBQ u r-repressjoni tal-NGOs indipendenti, jew ta' dawk li jirċievu finanzjament minn sorsi barra mir-Russja, huma l-aħjar eżempji. F'April 2017, il-Parlament adotta riżoluzzjoni li tikkundanna l-arrest ta' Navalny. Fl-2016, il-Parlament ikkundanna bil-qawwa l-livelli mingħajr preċedent ta' abbużi tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa kontra r-residenti tal-Krimea, b'mod partikolari t-Tatari. F'Marzu 2017, il-Parlament talab lir-Russja teħles aktar minn 30 ċittadini Ukren li jew kienu l-ħabs jew kienu qed iħabbtu wiċċhom ma' kundizzjonijiet ta' libertà ristretta.

Bejn l-1997 u l-2014, ir-relazzjonijiet mal-leġiżlaturi Russi kienu fil-biċċa l-kbira żviluppati fil-Kumitat Parlamentari ta' Kooperazzjoni, li huwa forum interparlamentari li kien ġie stabbilit permezz tal-FSK tal-1994 bejn l-UE u r-Russja. Bejn l-1997 u l-bidu tal-2014, il-Kumitat Parlamentari ta' Kooperazzjoni UE-Russja serva ta' pjattaforma stabbli għall-iżvilupp tal-kooperazzjoni u tad-djalogu bejn id-delegazzjonijiet mill-Parlament u l-Assemblea Federali Russa. Madankollu, minn

Marzu 2014, il-Parlament issospenda r-relazzjonijiet interparlamentari mal-Assemblea Federali Russa, f'konformità mal-miżuri diplomatiċi restrittivi b'reazzjoni għall-kriżi tal-Ukrajna. Minkejja dan, id-delegazzjoni tal-Parlament għall-Kumitat Parlamentari ta' Kooperazzjoni UE-Russja għadha tiltaqa' u tiddiskuti kwistjonijiet relatati mar-relazzjonijiet bejn l-UE u r-Russja waħedha. Għadha żżomm ukoll kanal ta' diskussjoni u skambju mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili Russa, kif ukoll ma' NGOs u ma' mezzi tal-informazzjoni Russi.

Mill-1999 lil hawn, ir-Russja ma stednitx lill-Parlament biex josserva l-elezzjonijiet u dan tal-aħħar m'għandux attivitajiet relatati oħra fil-pajjiż.

Mario Damen
05/2019